# Inizjattivi li bihom int tista' tħallas inqas *income tax*





“Il-Gvern jemmen li l-aħjar mod biex il-familji, in-negozji, l-ekonomija u anke d-dħul tal-Gvern imorru ‘l quddiem huwa billi jħeġġeġ lil kulħadd jaħdem aktar, jistudja aktar, jinvesti aktar, jaqla' aktar flus.... filwaqt li jsir dan il-Gvern naqqas it-taxxa.... b’hekk ikollok aktar flus fil-but.”

**Il-Gvern qed jinvesti fik, f'uliedek, fl-anzjani u fil-familja tiegħek. Qed ninvestu wkoll biex ngħinu lis-sidien ta' negozji żgħar u medji. Ħloqna aktar postijiet tax-xogħol b'pagi tajbin u f'4 snin ħloqna 20,000 *job* ġdid filwaqt li llum il-paga medja hi €2,000 aktar milli kienet 4 snin ilu. Irridu li int taqla' aktar flus u tgawdi kwalità ta' ħajja aħjar.**

Il-ħidma tal-Gvern fl-aħħar erba' snin kienet iffukata biex int u l-familja tiegħek tgawdu minn kwalità ta' ħajja aħjar. Ħdimna u qed naħdmu biex ikun hawn aktar xogħol ta' kwalità b'pagi tajbin. Fl-istess ħin, bl-għaqal li mxejna bih, stajna nnaqqsulek it-taxxa, biex int jibqalek aktar flus fil-but.

L-isfidi quddiemna huma kbar. Ħdimna biex il-finanzi ta' pajjiżna jkunu aktar b'saħħithom, għalhekk rajna li t-tnaqqis mit-taxxa jservi wkoll ta' inċentiv biex jiġi ġenerat aktar negozju u kummerċ. Qed nagħtu inċentiv għal min jaħdem, inċentiv għal min jistudja aktar, inċentiv għal min jinvesti u għalhekk joħloq il-ġid fil-pajjiż u l-opportunitajiet ta' xogħol għal ħaddieħor. Bit-tnaqqis fit-taxxi dawwarna aktar ir-rota ekonomika u ħloqna aktar *jobs*.

Dawn il-gżejjer tagħna għandhom żewġ fatturi ewlenin li jiddistingwuhom minn pajjiżi oħrajn: poplu bieżel, kreattiv u ħabrieki; u pajjiż mill-isbaħ imdawwar bil-baħar Mediterran. Il-Gvern – anke jekk xi minn daqqiet sab min ma jaqbilx miegħu– dejjem emmen f'pajjiżna u fil-ħiliet ta' kull individwu. Dan il-Gvern jemmen ukoll li għandek tinċentiva lil dan il-poplu.... lill-familji Maltin u Għawdxin, lin-negozji żgħar u kbar, u lil kull individwu.

Il-ħolqien tax-xogħol jibqa' prijorità. Għal min jitlef il-post tax-xogħol, ebda tnaqqis fit-taxxa m'hu se tagħtih id-dinjità li jixraqlu u għalhekk ħdimna biex jiżdiedu l-impjiegi. Fl-aħħar erba' snin ħloqna xejn anqas minn 20,000 post tax-xogħol ġdid u salvajna 5,000 impjieg ieħor li kien f'riskju minħabba l-qagħda ekonomika u finanzjarja internazzjonali.

Il-Gvern ħadem bla heda u ħoloq numru kbir ta' inizjattivi u skemi ġodda sabiex jinċentiva lil kulħadd jaqla' aktar flus u jħallas anqas taxxa.

Aktarx li ħafna jafu li Malta għandha waħda mill-aktar rati baxxi ta' qgħad fl-Ewropa. Barra minhekk rapport li ħareġ mill-Uffiċċju Ewropew tal-Istatistika juri li l-ħaddiema Maltin huma l-anqas li jħallsu taxxa fuq l-impjieg mill-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea.

F'din il-pubblikazzjoni, il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment, qed jagħti dettalji tal-iskemi li tħabbru f'din il-leġislattura – inkluż diversi inizjattivi li daħlu fis-seħħ din is-sena wara l-*budget* li ressaqt f'Novembru li għadda – li bihom qed ninċentivaw lil kulħadd sabiex jaħdem aktar, jaqlà aktar u jħallas inqas taxxi. Komplejna ngħinu lil dawk fil-bżonn inkluż l-anzjani, il-persuni bi bżonnijiet speċjali u l-familji tagħhom. Ħadna ħsieb ukoll li ninvestu dejjem aktar fl-edukazzjoni, fis-saħħa, l-isports, il-kultura, in-negozji żgħar, i*s-self employed* u l-bdiewa Maltin u Għawdxin.

Dan barra li tul l-aħħar snin neħħejna kompletament taxxi oħra li kienu ilhom jitħallsu għal għexieren ta' snin, bħad-*departure tax* fuq kull darba li ssiefer, neħħejna t-taxxa fuq il-*credit cards* u neħħejna l-liċenzja tat-televiżjoni.

L-impenn tagħna hu li nkomplu ninvestu aktar fik, inkomplu noħolqu ambjent ekonomiku biex jitkattar ix-xogħol b'pagi tajbin u ntejbu l-kwalità tal-ħajja tiegħek.



**Tonio Fenech**

Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

# Inizjattivi li bihom int tħallas inqas *income tax*

Familji







## Għajnuna lill-familji

- Minn din is-sena ġenituri ta' tfal taħt it-18-il sena jew taħt il-21 sena li għadhom qed jistudjaw qed jibbenefikaw minn *tax band* speċjali magħrufa bħala komputazzjoni tal-ġenituri. Minn din is-sena 55,000 ġenitur qed jiffrankaw sa €840 fis-sena tnaqqis fl-*income tax*.

- Sew jekk inti għandek il-kustodja jew qed tħallas manteniment għat-tfal tiegħek inti tista' tibbenefika minn rata speċjali fuq it-taxxa tad-dħul tiegħek....Spjegazzjoni qed tingħata aktar 'il quddiem f'dan il-fuljett!

- 'Il fuq minn 4,000 familja qed inaqqsu sa massimu ta' €1,600 mid-dħul taxxabbli tagħhom kull sena għax jibagħtu lit-tfal tagħhom fi skola privata.

- Aktar minn 1,000 familja fis-sena qed igawdu minn tnaqqis ta' €100 mid-dħul taxxabbli għax it-tfal tagħhom jipparteċipaw f'attività sportiva jew kulturali.

- 600 familja fis-sena qed inaqqsu €3,500 mid-dħul taxxabbli tagħhom meta jżommu studenti barranin waqt li jkunu qed jistudjaw f'Malta.

- 2,392 ġenitur qed igawdu minn tnaqqis ta' €1,300 mid-dħul taxxabbli meta jibagħtu lit-tifel jew lit-tifla tagħhom f'*childcare centre*.

- Kull *employer* li jinvesti f'faċilità jew jixtri tagħmir biex jipprovdi servizz ta' *childcare centre* fuq il-post tax-xogħol huwa eliġibbli għal tnaqqis mid-dħul taxxabbli ta' €20,000 biex jagħmel dan.

## Nisa u Ommijiet



### Għajnuna biex in-nisa jirritornaw jew jibqgħu f'impjieg u fl-istess ħin jiffrankaw it-taxxa

**Medja ta' 2,800 omm fis-sena qed igawdu minn tnaqqis fit-taxxa**

- Jekk int omm li għadek kif kellek tarbija u trid tkompli taħdem, la darba terġa' tidħol ix-xogħol inti ma tħallasx *income tax* għal mill-anqas sena sħiħa. Int tgawdi minn dan it-tnaqqis għal kull tarbija li jkollok.
- Jekk inti omm u erġajt bdejt taħdem wara nuqqas ta' ħames snin, il-Gvern jagħtik sena ma tħallasx *income tax*.
- Jekk inti *self employed* u għadek kif kellek tarbija, inti tista' tiffranka sa €5,000 f'*income tax*.

## Anzjani



### Anzjani jtejbu l-livell tal-għajxien tagħhom u jħallsu anqas taxxa

- L-anzjani li jħallsu biex joqgħodu f'dar tal-anzjani jistgħu jnaqqsu €2,500 mid-dħul taxxabbli tagħhom fis-sena. Kull sena aktar minn 1,200 anzjan u anzjana qed igawdu minn dan it-tnaqqis.
- Minn din is-sena, it-tfal tal-anzjani li jkunu qed iħallsu huma biex il-ġenitur jew il-ġenituri tagħhom joqgħodu f'dar tal-anzjani issa jistgħu jnaqqsu sa massimu ta' €5,000 fis-sena mid-dħul taxxabbli tagħhom.
- Il-Gvern neħħa il-VAT fuq il-*private nursing* u l-*home help* offruti mill-privat.

# Inizjattivi li bihom int tista' tiffranka t-taxxa

## Familji





### Rata mnaqqsa ta' taxxa għal min irid jaħdem *part time* ukoll

**Dawn kollha qed jibbenefikaw minn rata speċjali ta' *income tax* ta' 15 fil-mija fuq l-ewwel €7,000 tad-dħul tagħhom mill-impjieg *part time:***

- Ħaddiema kollha li jaħdmu *full time* u qed jaħdmu jew jixtiequ jaħdmu *part time;*
- Studenti li jixtiequ jissuplimentaw id-dħul tagħhom;
- Persuni li l-konjuġi tagħhom jaħdem *full time* u huma jaħdmu xogħol *part time;*
- Pensjonanti li jixtiequ jkomplu jaħdmu;
- *Self employed* li ma jħaddmux impjegati.

**Barra minn dan it-tnaqqis fl-*income tax*, il-Gvern, permezz tad-Dipartiment tal-VAT, jgħinek ukoll b'dawn l-għotijiet:**

- Għotja għal spejjeż marbuta ma' tieġ jew ordinazzjoni saċerdotali sa massimu ta' €1,747;
- Għotja għal spejjeż marbuta ma' funerali sa massimu ta' €1,223;
- Għotja fuq xiri ta' strumenti mużikali sa massimu ta' €465;
- Għotja fuq restawr, konservazzjoni u manutenzjoni ta' binjiet residenzjali privati f'żoni ta' konservazzjoni urbana sa massimu ta' €5,000.

Għal aktar informazzjoni dwar dawn l-għotjiet, u biex tniżżel il-formoli rilevanti, idħol fis-sit **www.finance.gov.mt** u agħżel il-*link* 'Grants' jew ċempel 8007 4407.

## Studenti u Żgħażagħ



### Żgħażagħ li jħallsu għall-istudju tagħhom jiffrankaw sa €20,000 f'taxxa

- Permezz tal-iskema *Get Qualified*, studenti li jtemmu korsijiet f'istituzzjonijiet edukattivi b'suċċess, u li jkunu ħallsu għal din l-edukazzjoni, qed jibbenefikaw minn tnaqqis mit-taxxa li jlaħħaq sa €10,000 f'sena waħda. Dan l-ammont jitla' sa €20,000 f'każ ta' Dottorat.

S'issa, aktar minn 1,150 persuna gawdew bejniethom f'aktar minn €4.5miljun f'krediti ta' taxxa permezz ta' din l-iskema.

## Sidien ta' negozji



### Sidien ta' negozju żgħir qed jiffrankaw sa €25,000 f'*income tax*

Sidien ta' kumpaniji żgħar u medji qed jingħataw tnaqqis mill-*income tax* għal investiment kapitali ġdid u l-ħolqien ta' *jobs* ġodda.

- Sidien ta' negozji żgħar f'Malta qed jingħataw tnaqqis mit-taxxa ekwivalenti għal 40 fil-mija tal-investiment li jkunu għamlu biex tejbu n-negozju jew l-operat tagħhom. Dan it-tnaqqis jogħla għal 60 fil-mija għal negozji li joperaw f'Għawdex.

- Jekk kumpanija tagħti donazzjoni jew tipprovdi *scholarships* lil artisti, din il-kumpanija tgawdi minn tnaqqis mid-dħul taxxabbli tagħha sa massimu ta' €18,600 fis-sena.

- Jekk il-kumpanija tiegħek tinvesti f'riċerka industrijali jew tidħol fi spejjeż relatati mal-iżvilupp ta' materja kreattiva inti tista' tibbenefika minn tnaqqis f'*income tax* ta' 60 fil-mija tal-investiment.

- Jekk *employer* iħallas spejjeż sabiex il-post tax-xogħol isir aktar aċċessibbli għall-impjegati bi bżonnijiet speċjali dan jingħata tnaqqis mid-dħul taxxabbli sa massimu ta' €20,000.

- Tnaqqis mid-dħul taxxabbli sa massimu ta' €60,000 jingħata lil kumpaniji li jagħtu donazzjoni ta' flus lil xi atleta jew federazzjoni sportiva li tieħu sehem f'avveniment sportiv.

# Tnaqqis fl-*income tax* għal kulħadd

Għal tliet snin wara xulxin, fl-2007, fl-2008 u fl-2009, il-Gvern naqqaslek l-*income tax*. B'anqas ħlas ta' *income tax* int jibqagħlek aktar flus f'idejk. Għal min jagħmel komputazzjoni singola qed jiffranka sa €1,050 f'*income tax* fis-sena. Min jagħmel komputazzjoni konġunta qed jiffranka sa €1,575 fis-sena.

**Komputazzjoni Singola**

| Dħul | Tnaqqis fit-Taxxa *budget* 2007 | Tnaqqis fit-Taxxa *budget* 2008 | Tnaqqis fit-Taxxa *budget* 2009 | Total ta' tnaqqis fl-*income tax* fi 3 snin |
|---|---|---|---|---|
| € | € | € | € | € |
| 8,150 | 52 | 87 | 0 | 139 |
| 8,500 | 52 | 87 | 53 | 192 |
| 9,500 | 52 | 87 | 53 | 192 |
| 10,500 | 99 | 87 | 53 | 239 |
| 11,500 | 149 | 87 | 53 | 289 |
| 12,500 | 242 | 87 | 53 | 382 |
| 13,500 | 274 | 155 | 53 | 482 |
| 14,500 | 300 | 205 | 103 | 608 |
| 15,500 | 350 | 205 | 103 | 658 |
| 16,500 | 361 | 283 | 103 | 747 |
| 17,500 | 361 | 383 | 103 | 847 |
| 18,500 | 361 | 483 | 103 | 947 |
| 19,500 | 361 | 533 | 153 | 1,047 |
| 20,500 | 361 | 533 | 153 | 1,047 |

**Komputazzjoni Konġunta**

| Dħul | Tnaqqis fit-Taxxa *budget* 2007 | Tnaqqis fit-Taxxa *budget* 2008 | Tnaqqis fit-Taxxa *budget* 2009 | Total ta' tnaqqis f'*income tax* fi 3 snin |
|---|---|---|---|---|
| € | € | € | € | € |
| 11,400 | 70 | 138 | 0 | 208 |
| 12,000 | 70 | 138 | 75 | 283 |
| 13,000 | 70 | 138 | 75 | 283 |
| 14,000 | 71 | 138 | 75 | 284 |
| 15,000 | 121 | 138 | 75 | 334 |
| 16,000 | 171 | 138 | 75 | 384 |
| 17,000 | 226 | 138 | 75 | 439 |
| 18,000 | 326 | 138 | 75 | 539 |
| 19,000 | 390 | 174 | 75 | 639 |
| 20,000 | 400 | 274 | 75 | 749 |
| 21,000 | 450 | 324 | 125 | 899 |
| 22,000 | 500 | 324 | 145 | 969 |
| 23,000 | 550 | 324 | 145 | 1,019 |
| 24,000 | 565 | 395 | 145 | 1,105 |
| 25,000 | 565 | 495 | 145 | 1,205 |
| 26,000 | 565 | 595 | 145 | 1,305 |
| 27,000 | 565 | 695 | 145 | 1,405 |
| 28,000 | 565 | 795 | 145 | 1,505 |
| 29,000 | 565 | 795 | 215 | 1,575 |
| 30,000 | 565 | 795 | 215 | 1,575 |

| Rata ta' *single* | |
|---|---|
| **Dħul (€)** | **Rata (%)** |
| 0-8,500 | 0 |
| 8,501- 14,500 | 15 |
| 14,501-19,500 | 25 |
| 19,501- 'il fuq | 35 |

| Rata tal-miżżewġin | |
|---|---|
| **Dħul (€)** | **Rata (%)** |
| 0-11,900 | 0 |
| 11,901- 21,200 | 15 |
| 21,201- 28,700 | 25 |
| 28,701 -'il fuq | 35 |

**Eżempju:** Dan ifisser jekk intom miżżewġin, hu kemm hu d-dħul tagħkom ma tħallsux ebda taxxa fuq l-ewwel €11,900, filwaqt li fuq il-parti tad-dħul bejn €11,901 u €21,200 tħallsu rata ta' 15 fil-mija. Bejn €21,201 u €28,700 tapplika rata ta' 25 fil-mija u minn €28,701- 'il fuq titħallas rata ta' 35 fil-mija.

## Ġenituri li jaħdmu t-tnejn u li qed irabbu t-tfal jiffrankaw sa €840 fis-sena fit-tnaqqis fl-*income tax*.

Minn din is-sena, il-Gvern reġa' naqqas l-*income tax* għall-ġenituri li jaħdmu. Jekk int missier jew omm li taħdem u tikkwalifika għal dan it-tnaqqis qed tiffranka sa €420 oħra fis-sena. B'hekk bit-tnaqqis fl-*income tax* li sar fl-erba' *budgets* int qed tgawdi minn tnaqqis ta' kważi €1,500 fis-sena. L-istess tagħmel martek jew żewġek – tnaqqis ta' €1,500 oħra. Dan it-tnaqqis fl-*income tax* jissarraf fi dħul akbar għalikom.

Dan it-tnaqqis fl-*income tax* jgħodd għall-ġenituri li jaħdmu t-tnejn jew li għandhom il-kustodja tat-tfal jew iħallsu l-manteniment.

B'hekk il-Gvern qed ikompli jinkoraġġixxi kemm lir-raġel kif ukoll lill-mara biex ikunu attivi fid-dinja tax-xogħol u fl-istess waqt permezz ta' dan itejbu l-livell ta' għajxien tagħhom. Din l-inizjattiva ta' tnaqqis fl-*income tax* għall-ġenituri tkompli żżid ukoll mal-għajnuna li l-Gvern qed jagħti sabiex jinċentiva l-mara sabiex tirritorna fid-dinja tax-xogħol.

| Rata tal-ġenituri | |
|---|---|
| **Dħul (€)** | **Rata (%)** |
| 0- 9,300 | 0 |
| 9,301 - 15,800 | 15 |
| 15,801 - 21,200 | 25 |
| 21,201 - 'il fuq | 35 |

**Minn din is-sena l-ġenituri jistgħu jibbenefikaw minn rata speċjali magħrufa bħala komputazzjoni ġenitur. Tista' tikkalkula t-tnaqqis fit-taxxa tiegħek billi tidħol fuq www. budget2012.com.mt**

| Dħul individwali | Ħlas ta' taxxa preżenti (Komputazzjoni Singola) | Ħlas ta' taxxa preżenti (Komputazzjoni Ġenitur) | Tnaqqis fl-*income tax* għal kull persuna |
|---|---|---|---|
| € | € | € | € |
| 9000 | 75 | - | -75 |
| 9250 | 112 | - | -112 |
| 9300 | 120 | - | -120 |
| 9500 | 150 | 30 | -120 |
| 10,000 | 225 | 105 | -120 |
| 12,500 | 600 | 480 | -120 |
| 15,000 | 1025 | 855 | -170 |
| 17,500 | 1650 | 1400 | -250 |
| 20,000 | 2324 | 2025 | -299 |
| 21,200 | 2744 | 2324 | -420 |

# Aktar tnaqqis fl-*income tax* għall-ġenituri li jibgħatu t-tfal f'*childcare centres* u skejjel privati





Biex ikompli jiffaċilita sehem aktar attiv tal-mara fid-dinja tax-xogħol u jara li t-tfal Maltin u Għawdxin jingħataw il-ħarsien li jistħoqqilhom, il-Gvern implimenta inizjattivi li jiffaċilitaw l-użu ta' *childcare centres*.

- Ġenituri li jibagħtu t-tifel jew it-tifla tagħhom f'*childcare centre* inaqqsu massimu ta' €1,300 kull sena mid-dħul taxxabbli tagħhom.

- Jista' jagħti l-każ li l-*employer* tiegħek iħallaslek il-miżata tat-tfal li jattendu *childcare centre*. F'dan il-każ is-somma mħallsa mill-*employer* tiegħek hija klassifikata bħala *fringe benefit* u normalment int mistenni li tħallas *income tax* fuq dak l-ammont. Permezz tal-inizjattiva mħabbra mill-Gvern, int issa qed tiġi eżentat milli tħallas *income tax* fuq l-ammont ta' flus li l-*employer* tiegħek qiegħed iħallas f'miżati għaċ-*childcare centres* li jattendu uliedek.

## Tiżdied l-għajnuna lill-ġenituri li jibagħtu t-tfal fi skejjel privati bi tnaqqis fl-income tax

**Tiżdied l-għajnuna lill-ġenituri li jibagħtu t-tfal fi skejjel privati bi tnaqqis fl-income tax**

| | Ammont imnaqqas mid-dhul taxxabbli | | |
|---|---|---|---|
| | 2010 | 2011 | 2012 |
| Childcare | €1,000 | €1,000 | €1,300 |
| Kindergarten | €1,000 | €1,200 | €1,300 |
| Primarja | €1,000 | €1,200 | €1,600 |
| Sekondarja | €1,400 | €1,600 | €2,300 |

**Il-Gvern qed jagħti tnaqqis mid-dħul taxxabbli sa massimu ta' €20,000 lil kull *employer* li jixtieq jinvesti f'facilità jew jixtri tagħmir biex jipprovdi servizz ta' *childcare centre* fuq il-post tax-xogħol u b'hekk il-ħaddiema jkunu jistgħu jserħu moħħhom li t-tfal tagħhom qed ikunu mħarsa.**

# Rati mnaqqsa għal min jaħdem *part time* wkoll





Bil-miżuri mħabbra mill-Gvern int tista' taħdem *part time,* taqla' aktar flus – u fl-istess ħin tħallas ferm inqas *income tax.* Din hija miżura biex tinċentiva x-xogħol u tgħinek iddaħħal aktar flus għalik u għall-familja tiegħek. Min jibbenefika minn din l-iskema?

- Kull min għandu impjieg *full time* u ddeċieda li jibda jaħdem *part time;*
- Pensjonanti li jħossuhom tajbin biżżejjed biex jibqgħu jaħdmu;
- Studenti li jixtiequ jissuplimentaw id-dħul mill-istipendju tagħhom;
- Ommijiet jew missirijiet li l-konjuġi tagħhom jaħdem *full time* u jixtiequ jappoġġjaw il-familja permezz ta' dħul minn xogħol *part time.*
- Dawk li x-xogħol *part time* jkun fuq bażi ta' *self employed* u li l-attività tkun reġistrata għall-VAT, ma jħaddmux impjegati magħhom u jżommu l-*accounts* tagħhom b'mod serju.

Iva, dawn kollha jistgħu jibbenefikaw minn rata speċjali ta' *income tax* ta' 15 fil-mija biss. Ir-rata ta' 15 fil-mija tapplika biss għall-ewwel €7,000 ta' dħul, il-kumplament jiġi ntaxxat b'mod normali.

## Eżempju ta' kif int tista' tiffranka l-*income tax* meta taħdem *part time:*

Claire hija studenta u taħdem bħala *waitress* fuq bażi *part time* u taqla' €8,000 fis-sena. B'rata speċjali ta' 15 fil-mija hi tħallas €1,050 *income tax* fuq l-ewwel €7,000 u €250 jiġifieri 25 fil-mija fuq il-kumplament tal-€1,000.

B'hekk hi tħallas total ta' €1,300 f'*income tax* minflok €2,000 kieku d-dħul tagħha kien jinħadem mingħajr din ir-rata speċjali.
**B'hekk.... Claire tiffranka €700 fis-sena!**

# Nisa u ommijiet li jirritornaw għax-xogħol jibbenefikaw minn tnaqqis sostanzjali fl-*income tax*.




Illum aktar tfajliet qed ikomplu bl-istudji tagħhom. Il-Gvern qiegħed jgħin lin-nisa u lill-ommijiet li jiddeċiedu li jibqgħu f'impjieg sabiex ikunu jistgħu jagħmlu dan. B'hekk ikomplu jiżviluppaw il-karriera filwaqt li jsibu bilanċ bejn il-karriera u l-familja. Il-Gvern ħabbar numru ta' inizjattivi sabiex jinċentiva l-mara b'mod sostanzjali sabiex tinvesti fil-karriera tagħha u fl-istess waqt jinkoraġġixxi sehem aktar attiv tan-nisa fid-dinja tax-xogħol.

## Għaldaqstant:

- Jekk inti mara li qed tirritorna lura lejn ix-xogħol wara nuqqas ta' 5 snin u fil-passat ħdimt aktar minn 24 xahar konsekuttivi u m'għandekx tfal taħt is-16-il sena, inti tista' tibbenefika minn €2,000 li jitnaqqsulek mill-*income tax* f'sena waħda jew fuq sentejn.
- Jekk int omm li qed tirritorna għax-xogħol wara nuqqas ta' 5 snin u għandek tfal taħt is-16-il sena, int tista' tibbenefika minn tnaqqis ta' €2,000 f'*income tax* fuq kull wild taħt is-16-il sena. Allura, jekk per eżempju għandek tlett itfal b'età ta' inqas minn 16-il-sena, inti tibbenefika minn tnaqqis ta' €6,000 f'*income tax* fuq medda ta' 4 snin (għax tieħu n-numru ta' tfal + 1), basta li t-tnaqqis ma jaqbiżx €2,000 f'kull sena.
- Jekk int għadek kif kellek tarbija u tixtieq terġa' tibda taħdem, int tista' tirritorna għax-xogħol u tagħżel li ma tħallasx *income tax* fuq l-impjieg għal sena sħiħa.
- Jekk għadek kif kellek tarbija u inti ***self employed*** int tista' tiffranka sa €5,000 f'*income tax.*

## It-tnaqqis fl-*income tax* tieħdu wkoll jekk mara taħdem *part time.*





### Eżempju ta' mara li se tirritorna għax-xogħol u fl-istess waqt tibbenefika minn tnaqqis sostanzjali fl-*income tax:*

Carmen għandha żewġt ulied: Andrea ta' 15-il-sena u Kristina li għandha 12-il-sena. Fl-2008 Carmen iddeċidiet li tirritorna għax-xogħol - hi kienet ilha nieqsa għal 6 snin mill-post tax-xogħol.

Fis-sena 2008 it-taxxa fuq id-dħul tagħha kienet ta' €1,000, fl-2009 kienet ta' €1,400 filwaqt li t-taxxa għas-sena 2010 kienet ta' €1,800. F'dan il-każ Carmen hija intitolata għal tnaqqis fit-taxxa ta' €4,000 mifruxa fuq 3 snin (numru ta' tfal 2 + 1).

Fl-ewwel sena, 2008, għalkemm it-taxxa fuq id-dħul dovuta minnha suppost kellha tkun ta' €1,000, Carmen ma ħallset ebda taxxa. L-istess fl-2009, għalkemm it-taxxa suppost kienet ta' €1,400 hi reġgħet ma ħallset ebda taxxa.

Fl-2010 Carmen ħallset biss €200 f'taxxa dovuta (€1,800 neqsin €1,600), hekk kif il-Gvern ta tnaqqis ta' €1,600 (€4,000 neqsin €2,400, li huwa t-tnaqqis diġà meħud fl-2008 u fl-2009) fit-tielet sena minn meta reġgħet daħlet għax-xogħol.



**Ġenituri waħedhom jħallsu l-*income tax* bl-istess rata speċjali tal-miżżewġin**

Sabiex jgħin lil dawk li jkunu qed irabbu t-tfal waħedhom, il-Gvern emenda l-liġi tat-taxxa biex l-*income tax* ma titħallasx b'komputazzjoni separata, iżda bl-istess rata speċjali tal-miżżewġin.

Biex tikkwalifika għal dan il-benefiċċju trid:

- It-tifel jew tifla li tkun qed tmantni m'għandhomx dħul ta' aktar minn €2,400 fis sena taħt isimhom;
- It-tifel jew tifla ma tkunx għalqet is-16-il sena (jekk hu jew hi tkun *full time* tistudja f'xi università, kulleġġ jew istituzzjoni edukattiv ieħor, din l-iskema tibqa' tapplika sakemm it-tifel jew t-tifla jagħlqu 21 sena);
- Tkun rikonoxxut bħala intitolat/a biex tirċievi ċ-*childrens' allowance;*
- Ma tkunx irċevejt manteniment għal dak it-tifel jew tifla mill-ġenitur l-ieħor;
- Ma toqgħodx fl-istess dar mal-ġenitur l-ieħor ta' dik it-tifel jew tifla.

## Tnaqqis fl-*income tax* għal familji li jżommu studenti barranin

It-tnaqqis mid-dħul taxxabbli fl-*income tax* lil kull familja li qed iżżomm studenti barranin li jkunu qed jistudjaw f'Malta żdied għal €3,500.

# Investi fl-edukazzjoni... u franka l-*income tax*






Il-Gvern iqis l-edukazzjoni ta' uliedek bħala sisien mill-aktar importanti għall-ġejjieni tat-tfal. Minbarra t-titjib fl-infrastruttura u t-tagħmir tal-ogħla kwalità fl-iskejjel madwar Malta u Għawdex, il-Gvern qed joffri numru ta' inċentivi finanzjarji. Permezz tal-inizjattivi mħabbra mill-Gvern, kull min jinvesti fl-edukazzjoni tiegħu jew ta' uliedu issa jħallas inqas *income tax.*

Kont taf li jekk għandek tfal li jirċievu l-edukazzjoni tagħhom f'*kindergarten* jew skola privata inti tista' tibbenefika minn tnaqqis sostanzjali mill-miżata tagħhom?

- Jekk it-tifel jew tifla tattendi skola sekondarja privata inti tista' tnaqqas €2,300 mid-dħul taxxabbli.
- Jekk inti tibgħat lit-tifel jew tifla tiegħek fi skola primarja inti tista' tnaqqas sa €1,600.

**Tibgħat it-tifel jew tifla tiegħek fi skola privata? Tista' tnaqqas sa €2,300 mid-dħul taxxabbli tiegħek.**

**Jekk qed tħallas biex itejjeb il-kwalifiki tiegħek, fosthom permezz ta' edukazzjoni terzjarja, int tista' tnaqqas sa €20,000 mill-kont tat-taxxa tiegħek.**

Kont taf li permezz tal-iskema *Get Qualified* il-Gvern qed joffri tnaqqis sostanzjali fl-income tax għal dawk li qed iħallsu sabiex jistudjaw u jirnexxilhom jiksbu kwalifika minn istituzzjoni edukattiva?

Studenti li jtemmu l-istudji tagħhom minn istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta kemm f'Malta jew barra jistgħu jingħataw tnaqqis mid-dħul taxxabbli sa massimu ta' €20,000.

L-istudju jrid ikun sar wara l-1 ta' Jannar 2010 u t-tnaqqis jingħata wara li jintemmu l-istudji b'suċċess. Inti għandek tapplika sa 12-il xahar minn meta tibda l-kors. L-iskema attwali għandha sal-31 ta' Diċembru 2013.

**Qed tħallas biex takkwista *degree* jew diploma minn Università privata? Taf li tista' tiffranka t-taxxa?**

# Investi f'uliedek bl-isport u l-kultura u ffranka l-*income tax*

**Jekk kumpanija tagħmel donazzjoni favur l-isport jew kultura, din il-kumpanija tista' tinghata tnaqqis mid-dħul taxxabbli sa massimu ta' €60,000 fis-sena.**






Il-Gvern iqis l-isport u l-kultura bħala element importanti fl-edukazzjoni u l-iżvilupp ta' kull tifel u tifla u għalhekk ħabbar inizjattivi favur min jipprattika l-isports. B'aktar attività sportiva t-tfal jikbru b'saħħithom.

- Jekk inti għandek tfal taħt is-16-il sena li jattendu attivitajiet sportivi, għal kull tifel jew tifla il-Gvern qed inaqqaslek €100 fis-sena mid-dħul taxxabbli fl-*income tax.*

- Jekk kumpanija tagħti donazzjoni ta' flus lil xi atleta jew federazzjoni sportiva li tieħu sehem f'avveniment sportiv nazzjonali jew internazzjonali issa tista' tibbenefika minn tnaqqis sa massimu ta' €60,000 fis-sena.

## Investi f'uliedek billi tibgħathom għal tagħlim kulturali u kreattiv, u tħallas anqas *income tax*

- Jekk inti għandek tfal taħt is-16-il sena li jattendu tagħlim kulturali jew kreattiv, għal kull tifel jew tifla l-Gvern qed inaqqaslek €100 fis-sena mid-dħul taxxabbli fl-*income tax.*

## Agħti donazzjoni għal skop ta' kultura... u tħallas inqas taxxa

Jekk kumpanija tagħti donazzjoni ta' flus lill-Fond għall-Arti jew lil xi organizzazzjoni kulturali li ma jkollhiex skop ta' profit, jingħatalha tnaqqis sa massimu ta' €50,000 fis-sena.

- Jekk il-kumpanija tiegħek tagħti donazzjoni ta' flus jew tipprovdi *scholarships* lil artisti, issa din il-kumpanija tista' tgawdi minn tnaqqis sa massimu ta' €18,600 fis-sena.

# Koppja anzjana li jħallsu biex jgħixu f'dar tal-anzjani issa jistgħu jnaqqsu sa €5,000 mid-dħul taxxabbli



**Int tħallas biex ommok u missierek joqgħodu f'dar tal-anzjani? Taf li tista' tiffranka billi tnaqqas €5,000 mid-dħul tiegħek fir-*return* tal-*income tax* fis-sena?**

Kont taf li l-anzjani li jħallsu biex jgħixu f'dar tal-anzjani issa jistgħu jiffrankaw il-flus bi tnaqqis f'*income tax*? Dan jgħodd ukoll għal dawk l-ulied li jħallsu biex il-ġenituri tagħhom jgħixu f'dar tal-anzjani:

- Int anzjan u tħallas biex toqgħod f'dar tal-anzjani? Int tista' tibbenefika billi tnaqqas €2,500 fis-sena mid-dħul taxxabbli fir-*return* tal-*income tax;*
- Intom koppja anzjana u tħallsu biex toqgħodu f'dar tal-anzjani? Intom tistgħu tnaqqsu sa €5,000 mid-dħul taxxabbli;
- Int tħallas biex missierek u ommok jgħixu f'dar tal-anzjani? Int tista' tnaqqas sa €5,000 mid-dħul taxxabbli kull sena.

Minn din is-sena tneħħiet ukoll il-VAT fuq servizzi ta' *private nursing* u *home help.*

# Kont taf li sa issa aktar minn 1,500 negozju żgħir f'Malta u Għawdex diġà frankaw sa €25,000 kull wieħed f'*income tax*?

**Is-sidien ħallsu anqas *income tax* għaliex investew fin-negozju jew żiedu l-impjegati. Int ukoll tista' tiffranka.**




In-negozji żgħar u medji huma s-sinsla tal-ekonomija Maltija u huwa għalhekk li f'dawn l-aħħar snin il-Gvern investa bil-qawwi biex jinċentiva l-operat tagħhom. Il-Gvern ħabbar bosta inizjattivi u inċentivi li wasslu biex ħafna negozji f'Malta ffrankaw u għadhom qed jiffrankaw ħafna flus f'*income tax*.

Fost dawn l-inċentivi nsibu:

- **Investi fin-negozju u ffranka l-*income tax***
  Kreditu ta' taxxa għal investiment kapitali ġdid u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Dan il-benefiċċju japplika għal negozji impenjati fil-manifattura, l-iżvilupp tal-*IT*, *call centres*, l-industrija tal-farmaċewtika, il-bijoteknoloġija, l-industrija tal-*films* u dik awdjo-viżiva.

- **Iffranka €25,000 f'*income tax* permezz tal-Microinvest**
  Permezz tal-programm Microinvest, is-*self employed* u dawk in-negozji żgħar li jimpjegaw inqas minn 10 impjegati jingħataw tnaqqis ta' taxxa ta' 40 fil-mija tal-ispejjeż li jsiru minn dawn in-negozji fuq makkinarju ġdid, teknoloġija innovativa u pagi tal-impjegati sa massimu ta' €25,000. Fil-każ ta' intrapriżi li huma bbażati f'Għawdex it-tnaqqis jitla` għal 60 fil-mija.

- **Investi f'riċerka industrijali u tibbenefika minn tnaqqis fl-*income tax***
  Il-Gvern nieda wkoll għajnuna fiskali għas-settur tar-riċerka u l-iżvilupp permezz ta' tnaqqis fl-*income tax* għall-ispejjeż li jsiru f'proġetti ta' riċerka, inkluż il-pagi tal-ħaddiema, xiri ta' apparat u materjal, u tagħrif teknoloġiku.





- **Kreditu ta' taxxa lill-intrapriżi żgħar u medji fl-industrija kreattiva**
  Bil-għan li jkompli jsaħħaħ il-kultura ta' kreattività f'Malta, il-Gvern nieda l-iskema *Create*, li permezz tagħha l-Gvern qed joffri tnaqqis fit-taxxa ekwivalenti għal 60 fil-mija tal-investiment lil dawk in-negozji jew individwi *self employed* li jidħlu fi spejjeż relatati mal-iżvilupp jew pubblikazzjoni ta' xogħol kreattiv.

**Għal aktar informazzjoni dwar dawn l-iskemi għan-negozju ċempel lil Business First fuq Linja 144.**

## Tnaqqis fl-*income tax* għal negozji li jagħmlu l-post tax-xogħol aktar aċċessibbli għal impjegati bi bżonnijiet speċjali

- Jekk tmexxi negozju u tagħmel spejjeż sabiex tagħmel l-istabiliment tiegħek jew il-post tax-xogħol aktar aċċessibbli għall-impjegati tiegħek bi bżonnijiet speċjali jingħatalek tnaqqis mid-dħul tiegħek għall-ispejjeż li inti tkun għamilt sa massimu ta' €20,000.

**Sa issa aktar minn 1,500 sid ta' negozju ibbenefika minn tnaqqis fl-*income tax* sa €25,000 kull wieħed. L-iskema għadha miftuħa.**

Għal aktar informazzjoni dwar
l-inizjattivi li jinsabu f'dan il-fuljett

**ċempel – 2296 2296**
**freephone – 8007 2297**

jew ibgħat email fuq
**taxpayerservice.ird@gov.mt**

**www.ird.gov.mt**

***Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-fuljett.***

Il-benefiċċji kollha ta' tnaqqis mit-taxxa msemmija f'dan il-fuljett tista' tgawdi minnhom billi tehmeż il-formola rilevanti mar-*return* tat-taxxa tiegħek.
Għal aktar informazzjoni żur **www.ird.gov.mt**



Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment